

Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0059(NLE)

13785/19
ADD 2

SOC 726
EMPL 550

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7416/18
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

Storikament, għar-Repubblika Ċeka s-sigurtà soċjali tal-popolazzjoni u l-ħaddiema kienet wieħed mill-pilastri bażiċi tal-funzjonament ta' soċjetà demokratika u ekonomija tas-suq. Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka tikkondividi l-valur ġeneralment rikonoxxut tal-livell għoli ta' protezzjoni soċjali, solidarjetà u inklużjoni soċjali stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, ir-Repubblika Ċeka tqis il-konverġenza gradwali tal-livell tal-protezzjoni soċjali tal-popolazzjoni bħala parti importanti mill-proċess ta' integrazzjoni ekonomika u soċjali gradwali tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl tal-bidliet fundamentali li qed iseħħu fis-suq tax-xogħol, ir-Repubblika Ċeka tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tar-Rakkomandazzjoni, jiġifieri b'mod partikolari li tiżgura aċċess għall-ħaddiema kollha u għal kull min jaħdem għal rasu għal protezzjoni soċjali adegwata, it-trasferibbiltà u t-trasparenza tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka primarjament insistiet fuq il-possibbiltà li l-Istati Membri tal-UE jiddeċiedu b'mod indipendenti dwar l-aċċess volontarju jew obligatorju tal-persuni li jaħdmu għal rashom għal skemi ta' protezzjoni soċjali differenti. Peress li din is-suppożizzjoni hija espressament prevista fil-punt 10 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-Repubblika Ċeka tista' tappoġġa r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Minħabba d-diversità kbira tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali, l-iżvilupp storiku u soċjali tagħhom u l-ambjent soċjoekonomiku ta' kull pajjiż tal-UE, ir-Repubblika Ċeka tqis ir-rakkomandazzjoni legalment mhux vinkolanti tal-Kunsill bħala għodda xierqa għall-implimentazzjoni tal-prinċipju 12 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali – u dan jiżgura protezzjoni soċjali adegwata fl-UE.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' l-fatt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tikkonferma l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri li jorganizzaw sistemi ta' sigurtà soċjali u tipprovdi lill-Istati Membri grad għoli ta' flessibbiltà meta jiffissaw il-livell tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jiddeterminaw il-limitu ta' dħul li minnu jitħallsu l-primjums, il-livell tal-benefiċċji u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fis-sistema tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari għal min jaħdem għal rasu.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-diviżjoni tal-kompetenzi stabbilita fit-Trattat kif ukoll id-diversitajiet fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet ekonomiċi tagħhom iridu jitqiesu fl-implimentazzjoni progressiva tar-Rakkomandazzjonijiet skont il-punt 21 tar-Rakkomandazzjoni.

Ir-Repubblika Ċeka tenfasizza li l-mod u l-pass biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni jridu jibqgħu l-kompetenza u r-responsabbiltà esklużivi tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 153 (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi li, "Id-dispożizzjonijiet adottati skont dan l-Artikolu ma jaffettwawx id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom..."